# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-18 ta' Frar 2021**

**Rikors Numru : 358/2020 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**JM**

**Vs**

**MM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JM, datat 16 ta' Ottubru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fit- tnejn u ghoxrin ta' Frar tal-elfejn u tlieta (22.02.2003) fir-Registru taz-Zwieg il- Belta Valletta hekk kif jidher f' Att taz-Zwieg numru 18/2003 hawn anness u mmarkart bhala 'Dok A';*

*Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg kellhom tifla, TM, li illum ghandha X- il sena skond ic-certifikat tat-twelid hawn anness u immarkat bhala 'Dok B';*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Jean Carl Debono datat ghaxra ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (10.03.2016) (ara hawn anness u mmarkat bhala 'Dok C') illi juri li l-partijiet ilhom separati legalment ghal dawn l-ahhar erba' (4) snin;*

*Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom erba' (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohra;*

*Illi m' hemm l-ebda manteniment dovut f' dan l-istadju stante li l-partijiet iddekadew definittivament ghal kull jedd taghhom li jitolbu u/jew jircievi manteniment minghand xulxin u dan skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali (ara klawsola 1 u 2 f' pagna 4 tal-kuntratt);*

*Illi huwa dejjem hallas l-manteniment tal-minuri lill-konvenuta peres li kienet qed tghix maghha sa Mejju 2020.*

*Illi f' Gunju 2020 huwa ghamel talba ghall-medjazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti biex jigi emendat il-kuntratt ta' separazzjoni fir-rigward ta' access u manteniment tal-minuri (ara Dok 'D');*

*Illi tali talba ghall-medjazzjoni ghada pendent;*

*Illi f' istess jum li ghamel it-talba ghall-medjazzjoni hu intavola rikors b' urgenza quddiem din l-Onorabbli Qorti biex l-minuri jkollha access liberu ghall-partijiet, li hu ma jibqax jghaddi l-manteniment lill-minuri stante li din kienet bdiet tghix permanentement mieghu u li minflok l-manteniment tghadddih il-konvenuta direttament lil binthom TM (ara Dok 'E');*

*Illi it-talbiet tal-attur gew milqghuha minn din l-Onorabbli Qorti b' digriet tas- 7 ta' Lulju, 2020 li qed jigi anness u immarkat 'Dok F';*

*Illi d-digriet tas-7 ta' Lulju, 2020 minn din l-Onorabbli Qorti qed jigi segwit mill-konvenuta;*

*Illi il-konvenuta MM, fis-26 ta' Awwissu, 2020 ghamlet rikors biex il-manteniment li hi taghti lil-minuri jigi varjat li qed jigi anness u immarkata 'Dok G';*

*Illi ir-rikorent irrisponda ghar-rikors ta' MM fejn elenka ir-ragunjiet l-ghaliex tali talba kellha tigi rifjutata minn din l-Onorabbli Qorti. Ir-risposta qed tigi annesa u immarkata 'Dok H';*

*Illi din l-Onorabboli Qorti f' digriet tad-9 ta' Settembru 2020 cahdet it-talba tar-rikorrenti MM ghal-uhud mir-ragunijiet li kien issolleva l-attur. Digriet anness u*

*immarkat 'Dok H';*

*Illi l-konvenuta MM qed tottempera ruha mal-ordnijiet tal-Qorti u qed tghaddi l-manteniment lill-bintha minuri TM;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie iccelebrat nhar it-tnejn u ghoxrin ta' Frar tal-elfejn u tlieta (22.02.2003) fir-Registru taz-Zwieg il-Belt Valletta bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghaldaqsekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MM datata 24 ta' Novembru 2020, a fol 38, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti tikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom iktar minn erba' snin isseparati u li bejniethom m'hemm l-ebda cans ta' rikonċiljazzjoni.*

2. *Illi effettivament l-esponenti taqbel ukoll illi l-ebda manteniment m'huwa dovut lill-parti jew ohra fir-rigward tal-minuri TM u kwindi l-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi huma lkoll sodisfatti ghall-ottjeniment tad-divorzju.*

3. *Illi l-esponenti titlob umilment illi din l-Onor. Qorti jogħġobha tordna illi l-esponenti tkun tista' tirriverti lura għal kunjomha xebba u ċioe' M.*

4. *Illi finalment l-esponenti topponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni u titlob li l-istess jigu akkollati lir-rikorrent.*

*Tant għandha x'tissottometti l-esponenti f'dan l-istadju.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JM xehed** (vide affidavit a fol 34) illi huwa kien zzewweg lill-intimata u li minn dan iz-zwieg kellhom tifla, li ghadha minuri. Ikkonferma illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar l-10 ta' Marzu 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono. Iddikjara illi wara s-separazzjoni l-affarijiet dejjem osservaw it-termini kollha tal-kuntratt u li issa ghaddew erba' snin u t-tnejn li huma ghandhom hajja u relazzjonijiet separati. Xehed illi f'Gunju 2020, it-tifla xtaqet li tmur tghix mieghu minflok tibqa tghix ma ommha, ghal liema sitwazzjoni hu kien intavola ittra ta' medjazzjoni flimkien ma' rikors urgenti sabiex ikun hemm it-tibdil fil-manteniment u kif ukoll fl-access liberu ghall-genituri, liema talbiet gew milqugha mill-Qorti. Ghalhekk, l-intimata bdiet tghaddi il-manteniment lit-tifla, stante li din issa kienet qed tghix mieghu u b'hekk kulhadd kien qed jirrispetta l-istess digriet. Sostna illi l-medjazzjoni ghadha ma bdietx, u li l-intimata qatghet kull kuntatt minn mieghu u b'hekk mhux qed ikun jista jghaddila informazzjoni dwar it-tifla, kif ukoll, naqqset drastikament mill-kuntatt minn mat-tifla. Finalment hu xehed illi wara dawn is-snin kollha separati minn xulxin, huwa talab ghad-divorzju.

**MM xehdet** (vide affidavit fol 40 et seqq.) li hi zzewwget lil attur nhar it-22 ta' Frar 2003 u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla li ghadha minuri. Iddikjarat illi hi kienet li pprocediet b'separazzjoni personali u b'hekk isseparaw permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono. Ikkonfermat illi hi taqbel mat-talba tal-attur, cioe ghad-divorzju u li permezz tal-istess proceduri tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe M. Ziedet tghid illi qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas ma hemm tama tal-istess stante li dawn ghandhom hajja

totalment separata minn xulxin.

Sostniet illi skond l-att ta' separazzjoni imsemmi, it-tifla kellha tirrisjedi maghha u li dejjem hekk ġara sa din is-sena. Xehdet li fiz-zmien tal-lockdown din is-sena (2020), it-tifla talbitha tmur tqatta' ġimgħa ma' missierha, peress li mill-informazzjoni li kellha, missierha kien qed jaħdem ġimgħa mill-uffiċċju u ġimgħa mid-dar. Ziedet illi dan il-ftehim kien li wara din il-ġimgħa, it-tifla tirritorna maghha u li hi ma kellha ebda diffikulta' li t-tifla tqatta' ġimgħa ma' missierha peress dejjem għamlet mill-ahjar sabiex bintha jkollha relazzjoni tajba ma' missierha. Iddikjarat li wara dik il-ġimgħa, it-tifla qatt ma irritornat lura għandha u li missierha fetaħ proċeduri ta' medjazzjoni, fejn ġie intavolat r-rikors. Sostniet illi t-tifla giet mitkellma mal-avukat tat-tfal, u l-Qorti tal-Familja ordnat li din it-tifla tmur tirrisjedi ma' missierha.

Iddikjarat li hi tħoss li tilfet lil din it-tifla sforz it-tixwix zejjed minn naha tal-missier, stante li dan qatt ma ried jaccetta is-separazzjoni u baqa kontinwament jghid li kienet hi li kissret il-familja u anki jghid lit-tifla dwar dan. Xehdet illi bintha dejjem kienet prijorita f'hajjitha u li dejjem ghamlet l-almu taghha sabiex din it-tifla titrabba f'ambjent ta' familja u li trawwimha f'valuri sodi. Ziedet illi anke ssuġeriet biex hi u bintha jattendu għal terapija biex ir-relazzjoni taghhom ma titkisirx, ghal liema suggeriment, l-attur irrisponda li: *"Min ikollu il-problemi mentali jmur għal counseling"*.

Finalment l-intimata xehdet li l-Qorti ordnati illi it-tifla tirrisjedi ma' missierha, u hi tghaddi l-manteniment direttament lill-minuri u b'hekk ma hemmx arretrati ta' manteniment da parti taghha kif ukoll ma hemm ebda arretrati ta' manteniment għas-snin li l-minuri għexet maghha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew***

***ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Frar 2003, liema zwieg jgib certifikat numru 161/2003 (vide Dok A, a fol 5) u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla li ghadha minuri.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono, datat 10 ta' Marzu 2016 (vide Dok C, a fol 7 et seqq.), ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar miz-zmienn minn dak rikjesti mill-ligi.

Il-kontendenti ddikjaraw li m'hemmx arretrati ta' manteniment dovut.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja bejn il-partijiet il-hall taz-zwieg, liema zwieg ghandu certifikat numru 161/2003 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu, tordna illi l-intimata tirriverti lura ghal kunjom xbubitha, cioe' M u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**